MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2015

Appell Kriminali Numru. 72/2014

Appell Nru: 72/2014

Il-Pulizija

Maggur Josephine Gauci

Vs

Redeemer Azzopardi

Illum, 29 ta' Jannar, 2015

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellanti, Redeemer Azzopardi, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 346985M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Bejn 2 ta' Mejju, 2013 sat-30 ta' Mejju, 2013, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jghati lil omm uliedu Marylin Ciappara u/jew lil uliedu is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, mghotija fis-17 ta' Frar, 2014, fejn il-Qorti, wara illi rat l-artikolu 338(z) tal-kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta, sabet lill imputat hati u kkundannatu ghal-gimgha detenzjoni.

Il-Qorti fissret il-portata ta' din is-sentenza lil imputat.

Rat ir-rikors tal-appellanti, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-25 ta' Frar, 2014, fejn talab lil din il-Qorti, tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija u f'kaz li l-Qorti ma jghogobiex tilqa' l-appell fuq ir-reita u joghgobha tikkonferma l-htija tal-appellant, l-appellant jitlob umilment lili din il-Qorti joghgobha sabiex fic-ckirkostanzi ottententi tvarja l-piena fuqu inflitta mill-Ewwel Qorti minn wahda ta' gimgha detenzjoni ghal-piena ohra li ma tkunx timporta l-karcerazzjoni effettiva tieghu.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti huma s-segwenti w cioe':-

L-ewwel aggravju

Illi fix-xhieda taghha Marilyn Ciappara ammettiet li wara li ottjeniet id-digriet tat-3 ta' Jannar, 2013 u inghalqet il-medjazzjoni fl-istess zmien (precizament fit-18 ta' Jannar, 2013) hija m'ghamlet ebda procedura civili ohra u naqset milli tiftah il-kawza kif trid il-ligi. L-artikolu 10(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 12.20 jipprovdi illi wara li tinghalaq medjazzjoni bla ma ssehh rikonciljazzjoni jew ftehim, il-proceduri (naturalment permezz ta' rikors guramentat ghandhom jinfethu fi zmien xahrejn).

Jekk dan ma jsirx allura l-partijiet ikunu kostretti li jergghu jifthu l-proceduri ta' medjazzjoni mill-gdid u dak kollu li jkun sar qabel ma jibqax izjed veljanti jew inforzabli. Dan johrog car ukoll mill-provvedimenti tal-artikolu 9(6) tal-imsemmija Legislazzjoni Sussidjarja 12.20 kif gej:

"During the mediation stage any of the parties may apply to the Court for the issue of any provisional order or the issue of any act or warrant to safeguard any of his or her rights"

Illi dak li hu d-digriet tat-3 ta' Jannar, 2013 li fuqu hija msejsa l-akkuza kontra l-appellant – a provisional order. Dan l-ordni jibqa' veljanti u nforzabbli kemm idum ghaddej il-process tal-medjazzjoni, izda una volta li l-medjazzjoni tinghalaq u ma tinfetahx il-kawza fi zmien xahrejn kif trid il-ligi stess, dak l-ordni – li huwa biss 'a provisional order' – ma jibqax fis-sehh, ma jibqax veljanti u nforzabbli ghaliex propju dan ikun inghata fil-kors ta' proceduri li jkunu gew maghluqin u la darba ma gewx segwiti bil-kawza entro it-terminu statutorju stabbilit bil-ligi, dawk il-proceduri ma jkunu jiswew xejn tant li meta l-partijiet ikunu jridu jitolbu xi haga ohra lil Qorti relattiva ghall-vertenzi ta' bejniethom, il-Qorti tiddirigihom biex jfithu proceduri ta' medjazzjoni mill-gdid.

Illi dan il-punt huwa bil-wisq car u manifest il-kliem fid-dispozizzjoni 338(z) tal-Kap. 9 (li tahthom instab hati l-appellant) "meta hekk ordnat minn xi qorti" ma jistax jigi interpretat mod iehor ghajr li meta persun jkun gie hekk ordnat b'ordni li jkunu ghadu veljanti u nforzabbli u mhux wiehed li jkun miet mewta naturali bl-eghluq tal-proceduri ta' medjazzjoni u n-nuqqas ta' istituzzjoni ta' proceduri b'kawza entro xahrjen kif trid il-ligi.

Illi dan l-aggravju tant huwa car u manifest illi kieku kien mod iehor ikun hemm possibilita' u lok t'abbuz kbir minn persuna li, ghal xi raguni jew ohra, jirnexxiela waqt il-proceduri ta' medjazzjoni tottjeni digriet ta' manteniment (liema digriet il-ligi stess fl-artikolu 9.6 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 12.20 tghid li huwa 'provizjorju') li jkun favorevoli ghaliha – liema digriet il-Qorti taghtih minghajr ma biss tisma' lill-partijiet viva voce, jew tisma' trattazzjonijiet orali mid-difensuri taghhom izda

taghtihom biss prima facie a bazi tal-atti li jkollha quddiemha – u mbghad tonqos milli tipprezenta l-kawza wara li tinghalaq il-medjazzjoni u b'hekk tinholoq din l-assurdita legali illi, ghalkemm dak id-digriet kien moghti fil-kors ta' proceduri civili ma jkun ghad ghandu ebda forza jew effett ghall-finijiet tal-ligi civili, fil-kamp penali jkun jista' jibqa' jintuza ad aeternum ghall-finijiet tal-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali!! Di piu', biex is-sitwazzjoni izjed tkun assurda, il-parti sokkombenti li fil-konfornt taghha jkun inghata tali digriet lanqas biss ikollha ebda rimedju biex tipprova tottjeni t-thassir jew it-tibdil ta' tali digriet ghaliex il-proceduri civili f'kaz ta' digriet moghti waqt il-medjazzjoni addirittur lanqas biss ikunu qatt bdew!! Naturalment sitwazzjoni bhal din, kieku kellha tigi accettata u sanzjonata kif effettivament giet accettata u sanzjonata bis-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti fil-kaz odjern, tohloq lezjoni ghad-drittijiet fundamentali tal-parti sokkombenti, kif inhu l-appellant odjern, ghal bosta ragunijiet.

Illi l-kliem u d-dicitura tal-ligi fl-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali "meta hekk ordnat minn xi qorti... " ma jistax hlief jigi interpretata fis-sens illi "meta hekk ordnat minn xi qorti b'digriet illi ghadu validu u effettiv". Kwalsijasi interpretazzjoni differenti, b'kull rispett, ma tkun taghmel ebda sens ghaliex altrimenti l-qrati taghna jkunu qed jaghtu interpretazzjoni ta' ligi li tippresupponi li l-legislatur ried illi ordnijeit ossia digrieti illi m'ghad ghandhom ebda validita' u forza ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi (kif regolata bid-dispozizzjonijiet tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili) xorta wahda jkunu applikabbli fil-kamp penali b'lezjoni tad-drittijiet fundamentali tal-parti sokkombenti, inkluz id-dritt ghal smiegh xieraq. Oltre dan tali interpretazzjoni tkun tmur kontra l-principju kardinali fl-ordinament guridiku illi 'quod nullum est nullum habet effectum'.

Illi konsiderazzjoni ohra li tirrend qari differenti minn dak hawn fuq espost ta' dan il-provediment tal-ligi huwa l-fatt li sentenza mothija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili tibqa' effettiva ghal-zmien ghaxar snin wara li tinghat, u sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati tibqa' effettiva ghal zmien hames snin wara li tinghata – dan skond id-dispozizzjonijiet tal-artikoli 253 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Izda issa jekk se nghidu li digriet moghti fil-kors ta' medjazzjoni

anke jekk imbghad il-kawza ma tinfetahx fiz-zmien stipulat mil-ligi jibqa' effettivament jghoddu u jorbot u jista' jigi inforzat ghal dejjem allura b'kull rispett din hija assurdita' legali ghaliex dak li l-ligi stess tiddeskrivi bhala 'a provisional order' jispicca jinghata effett u enforzabilita' izjed minn sentenza finali tal-oghla qorti taghna!! Certament li dan – jerga' jigi mtenni b'kull rispett – ma jaghmel assolutament ebda sens u jikkostitwixxi assurdita legali.

It-tieni aggravju

Illi t-tieni aggravju tal-appellant huwa li effettivament il-manteniment li qed jigi reklamat minn Marilun Ciappara diga huwa mhallas u dan kif se jigi ampjament ippruvat mix-xheida tal-istess appellant. L-istess Marilyn Ciappara fix-xhieda taghha ammettiet li miz-zmien meta' nhareg id-digriet li fuqu qed tigi msejsa din il-kawza kontra l-appellant irceviet hlas fis-somma ta' Euro 2,000 u zewg hlasijiet ohra li komplessivament jammontaw ghal Euro 350, total allura ta' Euro 2350. Hija pero xehdet li Euro 2000 kienet tirreferi ghal dejn relattiv ghal xi kontijiet tad-dawl u l-ilma u s-somma ta' Euro 350 tirreferi ghall-manteniment miftiehem issa fil-kors tal-medjazzjoni l-gdida li fetah l-appellant. L-Appellant da parti tieghu xehed li dan il-hlas sar biex jinqatel l-izjed obbligu oneruz li kien hemm fuqu, u cioe l-hlas tal-manteniment, u mhux il-hlas tad-dawl u l-ilma.

Illi l-artikolu 1171(c) tal-Kodici Civili jipprovdi bic-car illi "meta ebda imputazzjoni ma tkun saret fil-waqt tal-hlas, ghandhom jitharsu r-regoli li gejjin: (c) fost id-djun maqlugha, il-hlas ghandu jitqies li sar ghad-dejn li ghalih id-debitur hu suggett ghall-arrest tal-persuna...". Kjarament huwa dejn id-dejn – il-hlas tal-manteniment – u mhux id-dejn relattiv ghall-hlasijuiet ta' kontijiet tad-dawl u l-ilma li jissoggettaw lill-appellant ghall-arrest tal-persuna u ghalhekk tali hlas ghandu jigi mputat ghal dan id-dejn u ghalhekk il-manteniment relattiv jirrizulta li huwa mhallas.

It-tielet aggravju

Illi sussidjarajament, kieku ma kellhomx jigu akkolti z-zewg aggravji fuq dedotti, ghandu f'kull kaz japplika l-principju nemo tentur ad impossibilia. L-esponent ma kienx qed jahdem u dan mhux minhabba xi tort lilu imputabbli, ma kellu

assolutament ebda dhul u kien fl-impossibilita' li jhallas dan il-manteniment (jekk il-hlas li kien sar fis-somma ta' EUR 2000 mhux se jitqies li huwa imputabbli versu dan id-dejn). Fil-prezent hemm anke kawza kostituzzjonali fuq l-istess mertu identiku promossa minn persuna ohra li jinsab precizament fl-istess sitwazzjoni tal-appellant u ghalhekk l-ewwel ghandha tigi deciza tali kawza kostituzzjoali qabel ma wiehed jigi mcahhad mil-liberta' tieghu possibilment bi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu.

Ir-Raba' aggravju

Illi t-tielet u l-ahhar aggravju jirrigwarda l-piena. L-appellant gie kkundannat ghall-piena karcerarja ta' gimgha detenzjoni. L-appellant jissottometti li huwa mhuwiex persuna kriminali, spicca f'din is-sitwazzjoni ghax gie mqarraq minn Marylin Ciappara li qaltlu li ma kellux ghalfejn wiegeb ghar-rikors li hija kienet pprezentat fil-proceduri ta' medjazzjoni peress li kienu se jirrangaw kollox bil-kelma t-tajba. L-appellant (forsi anzi probabilment b'mod ingenwu u addirittura stupidu) fdaha u mbghad sab ma wiccu dan id-digriet ta' manteniment fis-somma ta' erba' mitt Ewro (Euro 400) fix-xahar, somma li certament ma setax ihallasha dak iz-zmien (meta kellu paga ta' Euro 860 fix-xahar) u wisq anqas illum li tilef l-impjieg tieghu (intortament). Naturalment fl-ghoti tad-digriet taghha l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) kellha quddiemha biss dak li kienet tenniet bil-miktub Marilyn Ciappara gialadarba l-appellant kien gie indott biex ma jwegibx. Kieku dahlet it-twegiba tal-appellant mhuwiex bniedem kriminali, ma jixraqlux li jmur il-habs. Huwa ragel li qieghed attivament ifittex ix-xoghol u li jrid ihallas manteniment ghal uliedu izda f'somma li jkun jiflaha realistikament u li jixtieq ukoll li jara lil uliedu li minnhom ilu mcahhad ghal izjed minn sitt xhur. Ghalhekk f'kaz ta' sejbien ta' htija qed jigi umilment sottomess illi ghandha tigi nflitta piena differenti minn wahda karcerarja.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-appellant kien f'relazzjoni ma' Marilyn Ciappara li minnha twieldu zewg ulied Sheldon u Kyron ahwa Azzopardi li l-appellant kien gharaf u irrikonoxxa minn twelidhom. Din ir-relazzjoni spiccat u Marilyn Ciappara adixxiet

il-Qorti Civili, Sezzjoni Familja, biex tirregola r-regim finanzjarju bejnha u bejn l-appellant. Permezz ta' digriet moghti fit-tlieta (3) ta' Jannar tal-elfejn u tlettax (2013) fl-atti tal-medjazzjoni numru 1122/2012(CD) fl-ismijiet Marilyn Ciappara versus Redeemer Azzopardi, l-appellant gie ordnat biex ihallas manteniment ghaz-zewg uliedu minuri fis-somma ta' erba' mitt ewro (€400) kull erba' (4) gimghat. L-appellant ma osservax dan l-obbligu skrupolozament u naqas li jhallas il-manteniment dovut ghax-xahar ta' Mejju tal-elfejn u tlettax (2013). Ghalhekk Marilyn Ciappara ghamlet kwerela u l-pulizija ipprocedew kontra l-appellant fejn b'sentenza tas-sbatax (17) ta' Frar tal-elfejn u erbatax (2014) il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u ikkundannatu ghal gimgha ditenzjoni.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell. L-aggravju principali tieghu qieghed fis-sens illi huwa ma hallasx il-manteniment b'kapricc izda li ma kienx f'pozizzjoni finanzjarja illi jaghmel dan peress illi x-xoghol tieghu ma kienx jippermetti, kien qed isir "down sizing" tax-xoghol fejn kien jahdem, kwindi spicca bla xoghol u ghalhekk ma setax jaqdi dawn l-obbligazzjonijiet minnu imposti. Kwindi f'kull kaz kellu japplika l-principju "nemo tenitur ad imposibilia." Dan oltre aggravji mill-aspett legali kif jidher fir-rikors tal-appell tieghu.

Illi din il-Qorti kellha diversi okkazzjonijiet sabiex tippronuncja ruhha fuq dan il-punt u dejjem irriteniet illi l-iskuza illi l-persuna tisfa bla xoghol ma tistax tigi uzata sabiex dak li jkun jehles mill-obbligu tieghu illi jmantni lil uliedu. Hekk qalet il-kawza Il-Pulizija versus Anthony Saliba deciza fil-15 ta' Lulju 1998 "... jekk persuna ma tkunx tista' thallas il-manteniment ordnat anke f'kaz li persuna tisfa bla xoghol, dan ma jiskuzahiex mill-obbligu taghha li twettaq id-digriet tal-Qorti Civili, obbligu sancit bir-reat ta' natura kontavenzjonali illi tahtu hu akkuzat l-appellant. Ir-rimedju li ghandu u li kellu l-appellant kien li jadixxi tempestivament fi zmien utli lill-Qorti

Civili kompetenti biex din wara li tiehu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment. U biss wara li jottjeni tali modifika, li jkun jkun jista' jhallas anqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dan isir, jibqa' marbut bl-obbligu tal-hlas skont l-ewwel digriet." (ara ukoll Pulizija versus Alfred Camilleri, 18 ta' Settembru 2002, u Il-Pulizija versus Lawrence Mifsud, 15 ta' Ottubru 2009). Ghalhekk il-principju "nemo tenitur ad impossibilia" ma japplikax ghal dan il-kaz peress li l-appellant dejjem kien f'pozizzjoni illi jadixxi lill-Qorti Civili sabiex jottjeni varjazzjoni jew inkella ad dirittura kancellament tal-obbligu tieghu versu l-parti civili u wliedu.

Ghalhekk l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz illi din id-diskrezzjoni tigi mibdula.

Ghal dak illi jirrigwada l-piena l-principju regolatur hu li mhux normali illi tigi disturbata d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti jekk il-piena inflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika illi kellha tkun anqas minn dak illi jkun fil-fatt erogat. F'dan il-kaz irrizulta illi l-piena tidhol fil-parametri tal-ligi u ghalhekk hawn ukoll id-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti m'ghandhiex tigi disturbata. Però bil-verbal maghmul fl-erbgha (4) ta' Dicembru tal-elfejn u erbatax (2014) il-parti civili Marilyn Ciappara iddikjarat illi waslet f'arrangament mal-appellant u ghal dak li jirrigwarda din il-kawza ma kellhiex aktar pendenzi kontra tieghu. Din il-Qorti mhiex aversa ghal din is-sitwazzjoni peress illi dejjem gie ritenut illi fil-kaz illi d-debitur ihallas fil-mori tal-kawza jista' jkun kaz ta' temperament. Il-kawza Il-Pulizija versus Publius Said (25 ta' Settembru 2003), il-Qorti qalet, "L-iskop tal-legislatur, meta introduca din il-kontravenzjoni fil-Kodici Kriminali fl-1983, kien li ssir pressjoni fuq id-debituri rikalcitranti sabiex jonoraw l-obbligi taghhom u mhux biss biex timpunixxi l-ksur tal-ordnijiet, digrieti, jew sentenzi tal-Qorti, ordnijiet illi ghandhom dejjem jigu osservati skrupolozament, jew il-ksur ta' stipulazzjonijiet kontrattwali bejn il-konjugi. F'dan il-kaz dan l-ghan intlahaq u hemm lok ta' temperament fil-piena ...". Din il-Qorti jidhrilha illi dan it-temperament m'ghandux isarraf f'ditenzjoni effettiva.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' in parti l-appell, tirriforma in parti s-sentenza appellata fejn filwaqt illi tikknferma ghal dak li jirrigwarda l-htija, tirriforma l-piena u flok gimgha ditenzjoni, tillibera lill-appellant taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kap 446 bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------